MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 292/2005

**Carmelo Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Champalin Company Limited (C2049)**

**vs**

**Ivan Azzopardi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sarex Limited (C6098)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) rapprezentanti c-cens annwu u perpetwu gravanti l-fond numru hamsa u tletin (35) Princess Nathalie Poutiatine Street, Sliema ghas-sena cens 2003-2004, u dan kif jidher fil-kuntratt tat-12 ta' Novembru tas-sena 2002 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza LL.D. ;**
**Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas dan permezz ta' ittra legali datata l-1 ta' Dicembru, 2004 ;**

**Illi s-socjeta` attrici titlob ukoll l-ispejjez u l-imghax legali skond il-Ligi ;**
**Is-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' cessjoni prezentata fis-16 ta' Frar, 2005 li biha, stante pagament gie cedut is-sorte pero` inzamm ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------